# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 22 ta' April 2002**

**Numru 2**

**Avviz. numru 432/00mm**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**High Flyer Services Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fil-5 t'April 2000 fejn tablet lill din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas is-somma ta' disa' mija u erbgha u tmenin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmi (Lm984.54c) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' *mobile telephone* u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lis-socjeta' konvenuta, mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mid-19 ta' Awissu 1997 sal-10 ta' Ottubru 1999.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Fl-ewwel lok in-nullita' tan-notifika stante illi din saret fir-residenza ta' omm wiehed mid-diretturi, u cioe' Albino Micallef, u mhux fir-*registered address* tas-socjeta' eccipjenti u cioe' 166, Cospicua Road, Paola.

2. Fit-tieni lok, is-socjeta' attrici naqset milli tindika fl-avviz promotur ghal liema linji ta' *mobile phone* jirreferi l-ammont pretiz mill-istess socjeta' attrici.

3. Fit-tielet lok, il-kunsens ta' Albino Micallef, direttur tas-socjeta' konvenuta, fil-mument ilil huwa kkuntratta mas-socjeta' attrici kien vizzjat stante illi l-istess Albino Micallef ibati minn kundizzjoni mentali maghrufa bhala *"Wilson's Disease",* u dan kif jista jiccertifika wkoll il-psikjatra kuranti tal-istess Albino Micallef, Dr Joseph Spiteri, u kwindi l-kuntratti relattivi bejn is-socjetajiet kontendenti huma nulli u bla ebda effett.

4. Illi f'kull kaz l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici huwa eccessiv u ezagerat.

5. Illi l-linji tal-'mobile' relattivi ma kienux jintuzaw esklussivament ghax-xoghol tas-socjeta' konvenuta minn

tnejn mill-utenti, u cioe’ Maria Teresa Micallef u Father Samuel Chetcuti, u ghalhekk dawn ghandhom jigu kjamati fil-kawza.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-eccezzjonijiet principali illi qieghdha tqajjem is-socjeta’ konvenuta jikkonsistu, fl-ewwel lok fin-nullita’ tan-notifika ta’ l-avviz stante li dina saret fir-residenza ta’ omm wiehed mid-Diretturi, u cioe’ Albino  Micallef u t-tieni lok illi l-kunsens ta’ dan l-istess Albino Micallef  kien meta ffirma l-kuntratti  mas-socjeta’ attrici, kien vizzjat peress illi kien qed ibaghti minn kundizzjoni mentali, maghrufa bhala *“Wilson’s Disease”* liema kundizzjoni kienet taffettwalu s-sens ta’ gudizzju.

Ikkunsidrat:

Ghal dak illi jirrigwarda n-nullita’ tan-notifika, l-Qorti ma tara xejn hazin billi saret fir-residenza ta’ omm wiehed mid-diretturi. Gieli nqalghu sitwazzjonijiet fejn in-notifika ma tkunx tista ssir ghax ma jkun hemm hadd, jew inkella l-ghaliex il-persuna tkun biddlet l-indirizz, ghalhekk ikun hemm diffikultajiet tan-notifika.

Il-Ligi trid illi l-konvenut ikun jaf ghal xhiex huwa diehel, x'hinija t-talba li qieghdha issir fil-konfront tieghu u dana ghandu jkollu zmien bizzejjed biex jipprepara r-risposta tieghu u jirribatti l-allegazzjoni ta' l-attur. L-importanti ghalhekk illi huwa jkun jaf u jkun infurmat bil-kontenut tat-talba attrici.

Fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet Alfred Cachia noe vs Salvino Sullivan et noe (Vol LXXI pt ii pg 303) il-Qorti qalet *"l-artikolu 1871 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi inter alia illi kopja ta' l-iskrittura tista tithalla f'idejn membru tal-familja tal-persuna li trid tigi notifikata fil-lok fejn toqghod. Hu ta' natura generika u huwa ntiz biex ikopri l-kaz tan-notifika sija tal-persuna fizika u sija tal-persuna morali".* Huwa propju dak illi gara f'din il-kawza meta n-notifika saret kif saret, hija wahda valida u l-Qorti ma tara xejn null f'tali procedura.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni eccezzjoni, dak tal-vizzju tal-kunsens, il-Qorti semghet id-dikjarazzjonijiet u x-xhieda tal-Psikjatra u d-dokumenti esebiti. Jista jaghti l-kaz illi l-konvenut, d-Direttur Albino Micallef huwa affett minn marda kif deskritta u allura dana jintitolah jiehu certa passi fil-konfront tar-relazzjonijiet kummercjali illi huwa ghandu mas-socjeta' attrici. Dana pero' jrid jaghmlu b'kawza *ad hoc* u ma jistax iqajjimha b'eccezzjoni f'kawza separata.

Fil-kawza fl-ismijiet Anthony Joseph Bajada vs Pauline Lam (Vol XXXVI pt ii pg 585) il-Qorti qalet *"hija gurisprudenza kostanti illi meta l-kwistjoni hija ta' nullita' l-konvenut f'kawza jista jaghtiha b'eccezzjoni, imma jekk il-kwistjoni hija wahda ta' annullabilita',*

*ma tistax tingieb il-quddiem flieh b'azzjoni ad hoc" (ara wkoll Vol XXX VIII pt 1 pg 51)".*

Is-socjeta' konvenuta ma ghamlet xejn minn dan, izda qaghdet tistrieh fuq dawn l-eccezzjonijiet biex tirribatti t-talba tas-socjeta' attrici. Fuq l-iskorta tat-taghlim fuq enuncjat dan ma jistax isir. Is-socjeta' konvenuta ma tistax f'din l-istanza topponi t-talba tas-socjeta' attrici bi skuza illi wiehed mid-diretturi taghha kien affett minn mard serju u ghalhekk ma kienx liberu illi jaghti l-kunsens tieghu.

Bhalma diga nghad, jekk is-socjeta' konvenuta ghandha tali ilment, dana messha gabitu f'kawza *ad hoc* u tattakka l-kuntratti relattivi kif inhu opportun. Mill-bqija l-Qorti tirreferi ghad-dokumenti esebiti u ghar-rendikont ta' l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici. Dana jidher li huwa gustifikat, huwa spjegat sa lanqas dettall u l-Qorti ma tarax illi tista titfa xi dubbju fuq dak illi jidher f'dawn id-dokumenti. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi t-talba attrici ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas is-somma ta' disa mija u erbgha u tmenin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmi (Lm984.54c) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' *mobile telephone* u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lis-socjeta' konvenuta, mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mid-19 ta' Awissu 1997 sal-10 ta' Ottubru 1999.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit

Dep Reg